

Sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni: żvilupp importanti fit-taħditiet mal-PE

Fid-29 ta' Ġunju 2015, il-presidenza Latvjana tal-Kunsill laħqet **ftehim mal-Parlament Ewropew dwar il-prinċipji ewlenin** li għandhom jiġu inklużi fl-abbozz ta' direttiva dwar **is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni (NIS)**. Imbagħad jeħtieġ li dawn il-prinċipji jinbidlu f'dispożizzjonijiet legali sabiex ikun possibbli ftehim finali dwar id-direttiva fi stadju aktar tard. Il-presidenza ser tippreżenta l-eżitu ta' dan ir-raba' trilogu lill-ambaxxaturi tal-istati membri fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tat-30 ta' Ġunju.

"Iż-żieda fl-attakki ċibernetiċi hija waħda mill-ikbar theddidiet li qegħdin inħabbtu wiċċna magħhom, u l-ftehim tal-lum dwar il-pakkett globali huwa pass kbir lejn il-finalizzazzjoni tal-ewwel miżuri li jkopru l-UE kollha għall-ġlieda kontra din it-theddida," qal Raimonds Vējonis, il-Ministru Latvjan għad-Difiża. "Dan jirrifletti wkoll il-prijorità mogħtija lil din il-kwistjoni mill-mexxejja tal-UE, li nhar il-Ġimgħa appellaw għal adozzjoni rapida tad-direttiva."

Ġestjoni tar-riskju ċibernetiku u rapportar ta' inċidenti aktar b'saħħithom madwar l-UE

Ir-regoli l-ġodda ser jirrikjedu operaturi magħżula li jipprovdu **servizzi essenzjali** (f'oqsma bħall-enerġija u t-trasport) biex jieħdu miżuri għall-ġestjoni tar-riskji għan-netwerks tagħhom u r-rapportar tal-inċidenti lill-awtoritajiet. L-istati membri ser jidentifikaw operaturi essenzjali bħal dawn biex ikunu koperti mid-direttiva, abbażi ta' kriterji ċari imniżżla fit-test. Ser jiġu introdotti dispożizzjonijiet partikolari sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni fl-identifikazzjoni tal-operaturi fost l-istati membri. Madankollu, dawn m'għandhomx idgħajfu l-prerogattivi jew l-interessi tas-sigurtà tal-istati membri.

Kien hemm qbil li l-**pjattaformi tas-servizzi diġitali** jiġu ttrattati b'mod differenti mis-servizzi essenzjali. Id-dettalji ser jiġu diskussi fuq livell tekniku.

L-istati membri ser ikunu meħtieġa jistabbilixxu pjan tal-NIS u jaħtru awtoritajiet kompetenti. Ser jinħoloq grupp ta' kooperazzjoni fil-livell tal-UE biex jindirizza l-kwistjonijiet tal-NIS fuq livell **strateġiku** u jiggwida l-attivitajiet operattivi. Għal kooperazzjoni **operattiva** bħal din, ser jiġu stabbiliti Skwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRTs). Dan ser itejjeb il-kunfidenza u l-fiduċja bejn l-istati membri.

X'benefiċċji huma mistennija mid-direttiva dwar l-NIS?

Il-proposta dwar l-NIS għandha l-għan li tiżgura **ambjent diġitali sigur u affidabbli** madwar l-UE. Iċ-**ċittadini** u l-konsumaturi ser ikollhom aktar fiduċja fit-teknoloġiji, is-servizzi u s-sistemi li jiddependu fuqhom minn ġurnata għall-oħra. Din iż-żieda fil-kunfidenza ser tfisser ċiberspazju aktar inklużiv, u ekonomija diġitali li tikber saħansitra aktar malajr, u b'hekk tappoġġa l-irkupru ekonomiku. Il-**gvernijiet u n-negozji** ser ikunu jistgħu jiddependu aktar fuq netwerks u infrastrutturi diġitali biex jipprovdu s-servizzi essenzjali tagħhom f'pajjiżhom u lil hinn mill-fruntieri. Pjattaformi tal-kummerċ elettroniku aktar siguri jistgħu jwasslu għal aktar klijenti online u joħolqu opportunitajiet ġodda. Il-**fornituri** tal-prodotti u s-servizzi ta' sigurtà tal-ICT ser jibbenefikaw ukoll, peress li d-domanda għall-prodotti u s-servizzi tagħhom x'aktarx ser tiżdied, li jwassal għal prodotti innovattivi u ekonomiji ta' skala. L-**ekonomija tal-UE** ser tibbenefika hekk kif is-setturi li jiddependu haġna fuq l-NIS ser ikunu sostnuti aħjar biex joffru servizz aktar affidabbli.

Kif ser issir liġi?

Il-presidenza ser tinnegożja t-termini tad-direttiva mal-Parlament Ewropew f'isem il-Kunsill. Sabiex jiġi adottat, l-att legali jrid jiġi approvat miż-żewġ istituzzjonijiet. It-taħditiet ser ikomplu taħt il-presidenza li ġejja Lussemburġiża.

- [Strateġija dwar is-sigurtà ċibernetika tal-UE](#)

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319
press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press